MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-15 ta' Frar, 2012

Numru 164/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**
**vs**
**Emanuel Tabone**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Emanuel Tabone** ta' 54 sena, bin Francis u Catherine *nee'* Mifsud, imwieled Qormi nhar it-18 ta' Gunju, 1957 u residenti 59, Triq il-Kuncizzjoni, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' numru 409457M;

Talli f'dawn il-Gzejjer, fit-13 ta' Settembru 2011 u fil-jiem u fix-hur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamiltu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra

sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' ntraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamiltu qligh fl-ammont ta; tlettax –il elf u seba' mitt ewro (€13,700) ghad-dannu ta' Katya Chetcuti minn Hal-Tarxien;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li keinet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnn specifikat, u cioe' approprja ruhu minn ammont ta' tlettax-il elf u seba' mitt ewro (€13,700) ghad-dannu ta' Katya Chetcuti minn Hal-Tarxien, liema flus gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industirjam kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

Il-Qorti hija gentilment mitluba tapplika mutatis mutandis id-diposizzjonjiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti rat l-ammissjoni bikrija ta' l-akkuzat fuq it-tieni akkuza;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-artikoli 310(1)(a), 28(a), 28(h) kif ukoll l-artikolu 293 u 294 u l-18 tal-Kap 9;

Fuq ammissjoni ta' l-akkuzat fuq it-tieni (2) akkuza il-Qorti, filwaqt li tastjeni li tiddeciedi dwar l-ewwel (1) akkuza, ssib

lill-akkuzat hati tat-tieni (2) akkuza u tikkundanah piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghall-erbgha (4) snin u a tenur ta' l-artikolu 28(h) tal-Kap 9 qeghda tordna lill-akkuzat sabiex irodd lura s-somma ta' tlettax il-elf u sebgha mitt ewro (€13,700) lil Katya Chetcuti u dan fi zmien mhux aktar minn sitt (6) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------